MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Numru. 166/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Pauline Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmija Pauline Vella, mart Martin u bint Joseph u Theresa neé Formosa, imwielda fl-20 ta' Novembru 1966 u residenti fil-fond Vella, Triq l-Indipendenza, Kercem, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' numru 58684(M) li giet

akkuzata talli nhar it-28 ta' Dicembru 2011 ghal habta ta' 12:30hrs fi Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex;

1. saqet karozza AAO 807 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

2. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habtet bil-karozza AAO 807 ma' motorcycle FAU 379 u kkagunat hsarat b'detriment ghal Doris Daly mill-Qala, Ghawdex;

3. talli b'konsegwenza ta' din il-kolluzzjoni, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti involontarjament ikkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Doris Daly u dan skond kif iccertifika Dr. Joseph Rapa MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

4. u talli fl-istess data, hin u post bhala xufier tal-karozza AAO 807 meta sehh dan l-incident li kien jinvolvi offiza fuq il-persuna ta' Doris Daly u gew anki kkugunati hsarat fuq il-*motorcycle* tal-istess persuna, naqset li tieqaf u telqet minn fuq il-post minghajr ma tat id-dettalji taghha u tal-vettura lill-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet li kienet qed issuq b'mod traskurat u li l-*parte civile* Doris Elvira Daly irrinunzjat ghad-danni fuq il-vettura, u dana minghajr pregudizzju ghad-drittijiet civili.

Illi, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputata li kienet qed issuq b'mod traskurat, jirrizulta li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata (pero mhux fir-rigward ta' sewqan b'nuqqas ta' kont jew b'mod perikoluz). Fir-

rigward tat-tieni imputazzjoni, din giet rinunzjata da parte tal-*parte civile*. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, din giet pruvata, u fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ma tirrizultax pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni (pero ta' sewqan traskurat biss) u kif ukoll tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannaha ghal multa komplessiva ta' mija u tmenin ewro (€ 180.00). Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, stante rinunzja, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghha u fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, tillibera lill-imputata fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------